# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-19 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 517/2004 fl-ismijiet:**

**John Zahra**
**(ID no. 677156M)**

**vs.**

**Adriano Cassar Galea**
**(ID no. 14964M),**
**Lilian Cassar Galea**
**(ID no. 794857M), u**
**GIS Insurance Brokers Limited**
**(C – 11837),**
**u b'digriet datat l-24 t'Ottubru, 2005,**
**din giet sostitwita bil-General Insurance**
**Services Limited**

Il-Qorti,

1. Rat ic-citazzjoni datata l-15 ta' Lulju, 2004, li permezz taghha l-attur sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fl-1 ta' Dicembru, 1997, talab polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura tieghu numru KAE - 307 minghand is-socjeta` konvenuta bhala agenta ta' *Lloyd's* ta' Londra;

1.2. Illi t-talba *de quo* kienet milqugha u ghalhekk inharget polza bin-numru 3600104 favur l-attur, (ara foll 8);

1.3. Illi l-istess polza kienet imgedda s-sena ta' wara, (ara foll 9);

1.4. Illi l-konvenuti l-ohra kienu l-unici azzjonisti u diretturi tas-socjeta` konvenuta;

1.5. Illi fit-23 ta' Dicembru, 1998, il-vettura tal-attur hekk assikurata kienet involuta f'incident awtomobilistiku f'Attard fejn il-konducent l-iehor involut sofra griehi gravi flimkien ma hsarat fil-mutur li kien qed isuq;

1.6. Illi fl-2001 il-konducent tal-mutur fuq indikat istitwixxa proceduri ghad-danni sofferti kontra l-attur odjern u kontra s-socjeta` assikuratrici;

1.7. Illi l-istess konducent tal-mutur fuq riferit ottjena l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni u mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-istess socjeta` konvenuta, (ara foll 10 u 14);

1.8. Illi permezz t'ittra ufficjali datata l-30 t'Ottubru, 2003, l-attur interpella lill-konvenuti u lil *Lloyds (Malta) Limited nomine* biex jiddikjaraw li qed jassumu r-responsabbilita` li jaghmlu tajjeb ghad-danni kollha, (ara foll 19);

1.9. Illi s-socjeta` *Lloyd's (Malta) Limited nomine* irrispondiet permezz t'ittra datata l-14 ta' Novembru, 2003, biex tiddikjara li l-kumpanija *GIS Insurance Services Lim*ited ma kellha l-ebda awtorita` fir-rigward minn Lulju 1998 'l quddiem fuq il-polza *de quo*, (ara foll 22);

1.10. Illi mit-12 ta' Lulju, 2002, jirrizulta li c-Centru ghas-Servizzi Finanzjarju ta' Malta appunta awdituri hemm indikati bhala amministraturi tas-socjeta` konvenuta u biex jassumu l-kontroll tal-istess minflok il-konvenuti Cassar Galea, (ara folll 23);

1.11. Illi minhabba l-agir illegali, abbuziv u frawdolenti tal-konvenut, qed isofri danni ingenti;

1.12. Illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni *stante* li l-assi kollha huma milquta bil-mandati kawtelatorji fuq riferiti;

1.13. Illi ghalkemm il-konvenuti kienu interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni *de quo*, baqghu inadempjenti;

1.14. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.14.1. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli t'agir illegali, abbuziv u frawdolenti ghad-dannu tal-attur meta giet imgedda l-polza numru 3600104 – 30/11 fuq il-vettura in dizamina numru KAE – 307 ghan-nom ta' *Lloyd's* ta' Londra b'effett mill-1 ta' Dicembru, 1998, meta l-konvenuti ma kellhom l-ebda awtorita` minn sindakati f'*Lloyd's* tar-Renju Unit minn Lulju 1998 'l quddiem;

1.14.2. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli t'agir illegali, abbuziv u frawdolenti meta f'isem kumpanija inezistenti agixxew bhala agenti ta' *Lloyd's* ta' Londra;

1.14.3. Tiddikjara li konsegwenza tal-istess agir l-attur sofra danni ingenti;

1.14.4. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli *in solidum* ghad-danni sofferti mill-attur;

1.14.5. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

1.14.6. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu *in solidum* lill-attur id-danni hekk likwidati;

1.14.7. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mall-istess citazzjoni, (ara foll 4), li essenzjalment tirriproduci l-istess kontenut tac-citazzjoni promotrici;

3. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-7 t'Ottubru, 2004, li permezz tieghu tat l-ordnijiet procedurali hemm indikati, (ara foll 35 u 51), flimkien ma digriet iehor datat l-4 t'Awwissu, 2004, (ara foll 45);

4.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Cassar Galea datata l-1 t'Awwissu, 2005, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 58):

4.1. Illi t-talbiet diretti kontra taghhom huma infondati;

4.2. Illi ghalhekk dawn ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4.3. Illi huma m'agixxewx ghas-socjeta` konvenuta;

4.4. Illi s-socjeta` konvenuta qatt ma kienet agent ta' *Lloyds* ta' Londra f'Malta;

4.5. Illi t-tielet (3) premessa tac-citazzjoni hi zbaljata;

4.6. Illi ma kien hemm l-ebda incident awtomobilistiku bejn il-vettura KAE – 308 u mutur FBH – 676;

4.7. Illi qatt ma gew notifikati bl-ittra ufficjali riferita fit-tmin premessa, (ara foll 1);

4.8. Illi s-socjeta` *G.I.S. Insurance Services Limited* qatt ma ippretendiet li kellha awtorita` appozita minn *Lloyds* ta' Londra;

4.9. Illi qatt m'uzaw inkartamenti intestati bl-isem *"G.I.S. Insurance Services Limited"*;

4.10. Illi mhux minnu li l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjari ta' Malta appuntat lis-socjeta` awditrici in kwistjoni bhala

amministratrici tal-assi tas-socjeta` konvenuta, (ara foll 58);

4.11. Illi m’agixxewx b’mod abbusiv, illegali u frawdolenti fil-konfront tal-attur;

4.12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

5. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess nota tal-eccezzjonijiet, (ara foll 59), li essenzjalment tirriproduci l-istess kontenut tal-istess nota;

6. Rat id-digriet datat l-24 t’Ottubru, 2005, li permess tieghu, wara r-rikors datat iz-19 t’Ottubru, 2005, issosstitwiet is-socjeta` hemm indikata, ikkancellat l-ghaxar premessa flimkien mat-tieni talba tal-attur u ssosstitwiet in-numru KAE – 308 bin-numru KAE – 307, (ara foll 62 u 63);

7. Rat il-verbal tal-partijiet datat it-13 ta’ Jannar, 2011, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qabblu li l-ammont pretiz minn Simon Borg – il-persuna involuta fl-incident awtomobilistiku mall-attur odjern – kien gie saldat mis-socjeta` *General Insurance Agency Limited* tramite l-likwidatur, liema socjeta` giet surrogata fid-drittijiet tal-istess Simon Borg, (ara foll 237);

8. Rat il-verbal datat it-3 ta’ Gunju, 2015, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-konvenuti informa lill-qorti li l-partijiet kienu ttransigew il-vertenza ta’ bejniethom u anke kienu saru xi pagamenti;

9. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

11. Illi tenut kont tal-verbali a foll 62 u 298, din il-vertenza essenzjalment gia` giet rizolta permezz ta’ transazzjoni bejn il-partijiet;

12. Illi pero` jirrizulta li *nonostante* l-istess transazzjoni, l-konvenuti naqqsu jezegwixxu l-istess transazzjoni *stante* li kif jghid l-

istess konvenut, hu ghandu jiehu hafna flus minghand diversi nies li ma hallsuhx, u ghalhekk, m'ghandux il-likwidita` necessarja biex jespleta l-istess ftehim, (ara foll 304);

Ikkunsidrat:

13. Illi s-saga odjerna hi naxxenti minn incident automobilistiku datata t-23 ta' Dicembru, 1998, li fih l-attur li kien qed isuq il-vettura numru KAE – 307 habat ma mutur numru FBH – 676, (ara foll 101);

Ikkunsidrat:

14. Illi precedentement ghal dan, fl-1 ta' Dicembru, 1997, l-attur kien talab u ottjena minghand is-socjeta` konvenuta kontumaci *General Insurance Services Limited* bhala agent ta' *Lloyds* ta' Londra, polza t'assikurazzjoni fuq il-vettura tieghu KAE – 307, (ara foll 8);

15. Illi *di piu`*, sena wara l-istess attur kien talab lill-istess socjeta` iggedded l-imsemmija polza ghal sena ohra, liema socjeta` fil-fatt akkwjexxiet u rrilaxxat id-dokument relattiv favur l-attur, (ara foll 9);

Ikkunsidrat:

16. Illi rizultat tal-incident awtomobilistiku in dizamina l-imsemmi sinistrat Simon Borg kien istitwixxa proceduri necessarji ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` u hlas ta' danni minnu sofferti;

17. Illi eventwalment intlahaq ftehim bejn il-kontendenti li ghad jonqsu biss jigi effettwat, (ara paragrafu numru hdax, (11.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

18. Illi tul il-perjodu in dizamina jirrizulta li l-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta kienet irrevokat l-awtorizzazzjoni tas-socjeta` konvenuta kontumaci milli tkun agent tal-

assikurazzjoni, (ara foll 23), u sussegwentement tpoggiet f'idejn diversi awdituri;

Ikkunsidrat:

19. Illi ghalhekk jirrizulta li l-vettura tal-attur kienet effettivament assikurata ghall-perjodu ta' sena (1) permezz ta' polza numru 3600104 mill-1 ta' Dicembru, 1997, (ara foll 8), li kienet sussegwentement imgedda ghall-perjodu ta' sena (1) ohra, (ara foll 9), u ghalhekk kienet assikurata sat-30 ta' Novembru, 1999;

Ikkunsidrat:

20. Illi skont ir-rapprezentant tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta l-licenzja tas-socjeta` *General Insurance Services Limited* kienet giet terminata fil-11 ta' Jannar, 2001, peress li din ma kelliex korrispondenti taghha barra minn Malta u li min kien qed imexxi lill-istess socjeta` assikuratrici ma kienx meqjus li hu *"fit and proper"*, (ara foll 68);

21. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-istess socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda *"binding authority"* ma *Lloyd's* wara l-31 ta' Lulju, 1998, (ara foll 275);

22. Illi skont l-istess rapprezentant tal-Awtorita` fuq riferita jirrizulta wkoll li l-arrangament li l-istess socjeta` konvenuta kellha mas-socjeta` estera *de quo* kien spicca fis-sena 2000, (ara foll 69);

23. Illi in effetti, l-istess socjeta` konvenuta kienet giet maqtugha mir-Registru tal-Kumpaniji fl-2002, b'hekk il-licenzja operattiva taghha kienet ghal kollox revokata, (ara foll 107 u 112 sa 132);

24. Illi in vista tal-premess ghalhekk, l-ewwel talba tal-attur ghandha tigi akkolta *stante* li rizultat tas-suespost, meta sehh l-incident awtomobilistiku in dizamina fit-23 ta' Dicembru, 1998, l-attur ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni li hu kien hallas ghaliha, (ara foll 101 u paragrafu numru dsatax, (19.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

25. Illi fir-rigward tat-tieni talba tal-attur jinghad biss li din kienet giet irtirata, anzi kancellata, (ara foll 62), u konsegwentement tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi rigward id-danni sofferti mill-attur issir referenza ghas-segwenti:

26.1. Illi l-partijiet jaqblu li l-ammont pretiz mis-sinistrat Simon Borg kien saldat mis-socjeta` konvenuta tramite l-likwidatur taghha, (ara foll 237);

26.2. Illi permezz tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-istess attur jemfasizza li kien intlahaq ftehim bejn l-awdituri tas-socjeta` konvenuta u s-sinistrat Simon Borg rigwardanti l-kumpens dovut lill-istess sinistrat, (ara foll 254);

26.3. Illi konsegwentement il-kawza giet ceduta, (ara foll 254);

Ikkunsidrat:

27. Illi in konsegwenza tal-istess id-danni sofferti mill-attur odjern jirrigwardaw biss l-ispejjez tal-procedura hemm involuti;

28. Illi l-ispejjez tal-kawza indikata fil-paragrafu precedenti – Citazzjoni Numru 29/2000 – jammontaw ghal elfejn, erba’ mija u tnejn u hamsin euro u seba’ u erbghin centezmu, (€2,452.47), (ara foll 255 sa 257);

29. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti ghandu ghalhekk jithallas mill-konvenuti *in solidum*;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

30.1. Takkolji t-talbiet rimanenti tal-attur;

30.2. Tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

30.3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont fuq indikat ta’ €2,452.47;

30.4. Tikkundanna lill-konvenuti fuq indikati biex ihallsu lill-attur John Zahra l-ammont hekk likwidat;

30.5. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-konvenuti *in solidum*.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**